# STORJA TA' MĦABBA:
## IL-BIZZILLA TA' SAN LAZZRU
### NISKOPRU U NGĦOŻŻU L-PARAMENTI SAGRI



STORJA

Dr Consiglia Azzopardi



Il-bizzilla ta' San Lazzru armata fuq l-Altar tar-Ripożizzjoni, Ħamis ix-Xirka 2021.

Kollox beda meta s-seminarista Samuel Aquilina ġieb sorra bit-trieħi tal-altari biex insalvawhom. Kien matul il-lockdown tal-pandemija fl-2020, żmien tajjeb għax kulħadd kien miġbur ġewwa u saħansitra fil-knejjes l-armar għall-festi kien limitat.

Flimkien dorna waħda waħda t-trieħi mitwijin puliti min jaf kemm-il sena ilu! Il-bizzilla ta' x'uħud, għax kienet tal-ħarir, bdiet nieżla biċċiet, bħal meta tiftaħ ktieb tal-arkivju li mat-taqlib tal-paġni jibda jċaqċaq u jimlielek imnifsejk bl-għabra tal-karta mikula bil-linka. Oħrajn li kienu għadhom jintużaw kultant f'xi festi biss kienu jidhru mhux ħażin. Fil-wiċċ kien hemm it-terħa msejħa ta' San Lazzru, li preżentement għadha tintrama fuq l-Altar tal-Kurċifiss: "Bil-ħasil tkagħbret, u jekk ma tiġiniex ħafna flus, għalissa nirranġaw imqar din". "Mhix kwistjoni ta' flus imma ta' ħin, għax xi drabi jkun jaqbel taħdem mill-ġdid milli toqgħod traqqa'. Nistudjaha bil-kwiet u nerġa' nkellmek", weġibtu.

### Il-bizzilla ta' San Lazzru

Mela nnamrajt mat-terħa ta' San Lazzru! Mhux hekk dejjem jiġri fil-ħajja? Tieħu grazzja ma' xi ħaġa u ma toqgħod tqis xejn aktar, la l-flus, la l-impenn u lanqas x'konsegwenzi jista' jkun hemm. Ikun xi jkun, ridt insalvaha.

Milli jidher it-terħa kienet inħaslet mhux kif suppost. Mhux tort tad-dilettanti, għax dawn jixirqilhom kull rispett għall-ħin prezzjuż li jiddedikaw għall-paramenti sagri, jafu kollox meta joħorġu u meta jintrefa' lura kollox f'postu. Ikunu tgħallmu ħafna mingħand dilettanti anzjani li kienu jsegwu mindu tfal u hekk titrabba magħhom l-imħabba għal dawn it-teżori. Jitgħallmu wkoll billi jikkupjaw dilettanti oħra tamparhom. Imma ż-żminijiet ġabu magħhom stil ġdid ta' ħajja; inbidel ħafna l-mod ta' kif jinħaslu u jitnixxfu l-ħwejjeġ, kollox bil-magni, waqt li nqata' kważi għalkollox il-ħasil bl-idejn. U xi ngħidu għad-diterġenti? Mingħalina li tar-riklami huwa l-aqwa mingħajr ma niftakru x'effetti jista' jkollhom id-diterġenti moderni fuq tessuti antiki.

### L-istorja fil-qosor

Wieħed jista' jimmaġina imma mhux lakemm jgħidulek x'ġara fil-verità! Għalhekk, l-ewwel ftaqt id-drapp minn mal-bizzilla u rġajt ħsilt kollox mill-ġdid, bil-ġentilezza u bl-idejn, f'ġurnata bnazzi tar-Riħ Fuq. Id-drapp hu tal-għażel abjad fin u nixef sabiħ għar-rwieħ fejn ma tilħqux





Il-bizzilla miftuħa qed tinxef.





Il-ħsara fil-bizzilla.

ix-xemx; il-bizzilla, tal-għażel ukoll, nixxiftha fuq ħġieġa kbira għad-dell, qgħadt magħha l-ħin kollu b'idejja niftaħha u nirranġalha l-pizzi u l-moski tad-disinn sakemm kien għoddha nixfet għalkollox, għaddejtha bil-blower u ħallejtha tistrieħ.

Hekk stajt nistudja d-disinn u nifli bir-reqqa l-ħsara. Il-bizzilla kienet maqsuma fi tliet strixxi dritti u sett ta' seba' simboli li jirripetu ruħhom mat-tul kollu. Kien stil li jmur lura għall-ewwel snin tas-seklu għoxrin, jiġifieri mhux daqshekk tqil bħalma kienu l-bizzilli ta' żmien Dun Ġużepp Diacono fis-seklu dsatax u lanqas daqshekk laxk bħalma niftakru jinħadmu fi żmienna. Kien disinn popolari ħafna fil-knejjes matul is-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945), għaliex billi s-simboli kienu jinħadmu għalihom setgħu faċilment jiġu mibdula skond il-qaddis tal-altar li għalih tkun qed tinħadem il-bizzilla. Hekk is-simboli tal-bizzilla ta' San Lazzru huma tal-Ewkaristija billi din it-terħa oriġinarjament inħadmet għall-Altar Maġġur, u jirrappreżentaw il-PAX, iż-żbul, l-għeneb, il-monogramma IHS, il-Ħaruf tal-Apokalissi, il-Pellikan u l-Ispeċi tal-Ewkaristija. Meta l-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Bażilika fl-1958, l-Altar Maġġur inbidel u t-terħa saret żgħira. Minn dakinhar baqgħet tintrama fuq l-Altar tal-Kappellun tal-Kurċifiss.

**Min kien jaħdem il-bizzilli għat-trieħi tal-altari**

Mhux kull min kien jaf jaħdem xi punt bizzilla kien kapaċi jaħdem għall-knisja, speċjalment is-simboli. Barra minn hekk, il-bizzilla għat-trieħi kienet tingħata lill-knisja b'xejn bla ħlas, u min kien jaħdem biex jgħix bil-bizzilla ma kienx jieħu pjaċir jidħol għal biċċa xogħol li jdum jaħdem ħafna fuqha bla ħlas.

Is-sistema ta' kif kienu jħaddmu dawn il-bizzilli għat-trieħi spjegathieli Ġorġa Tabone 'ta' Gerit' (1921-2010) f'intervista li għamiltilha ftit qabel ma mietet f'Mejju 2010. Ġorġa kienet xebba, qabla, bint il-furnar Ġorġ Tabone, li kienu joqogħdu fi Triq San Ġorġ. Fi żmienha, dawk l-inħawi, toroq dojoq u sqaqien kienu jkunu miżgħuda bil-ħaddiema tal-bizzilla minn filgħodu sa filgħaxija. Kien hemm ukoll kemm-il negozjant tal-bizzilla, uħud negozjanti kbar li jsiefru barra bħalma kien Toni Xuereb 'tal-Kaċċatur', u negozjanti żgħar, nisa jgħallmu u jħaddmu l-bizzilla biex imorru biha fil-ħwienet Malta, speċjalment wara li spiċċat il-Gwerra. Fil-qrib kien hemm il-ħanut tal-pittur Ignazio Scicluna magħruf bħala Nazinu, li kien imfittex għax jagħmel disinni sbieħ għall-abiti tal-knisja.

Ġorġa stqarret miegħi li ommha kienet taħdem, imma hi qatt ma ħadmet bizzilla. Kienet tkun xogħol l-isptar u fil-mistrieħ kienet taħdem in-knitting. Id-dar kienu mħabbtin bil-forn, nies ġejjin u sejrin, u toqgħod u tqum ma ttellax fil-bizzilla. Flus kienu jaqilgħu mhux ħażin, bejn xogħol fil-forn u xogħol l-isptar jew qabla fid-djar. Kienu nies li jħobbu l-Knisja u kienu jħallsu lil min kien jaħdem il-bizzilla tat-trieħi biex jirregalawha lil San Ġorġ, lill-Katidral, lill-Qalb ta' Ġesù, id-Duluri u postijiet oħra. Ngħidu aħna, għall-Katidral kienu għamlu sett trieħi għall-altari kollha, maħduma kollha fuq l-istess disinn minbarra s-simboli li kienu jvarjaw skond il-qaddis tal-altar.

Ġorġa qalet li lill-knisja kienu jagħtuha biss il-bizzilla, imbagħad l-Arċipriet kien jixtri d-drapp u t-trieħi kienu jinħietu aktarx għand is-sorijiet. Hekk fl-*Introito ed Esito* 71, f. 95, tal-Parroċċa San Ġorġ, insibu li fis-6 ta' Mejju 1924 l-Arċipriet Alfons Maria Hili ħallas £0.18.4 biex xtara *"drappo per una tovaglia dell'altare del coro"* (drapp għal terħa tal-Altar tal-Kor). Ħafna drabi kien jitniżżel biss fejn kien ikun hemm ħruġ jew dħul ta' flus, il-bqija gratis għall-Mulej!

**Ir-restawr li sar fuq il-bizzilla ta' San Lazzru**

Din l-istorja kollha għaddiet minn moħħi waqt li kont qed nillixxa u nimla t-toqob fil-bizzilla bħal speċi biex indewwilha l-ġrieħi. Ħsara kbira ma kienx hemm ħlief f'xi postijiet dgħajfa matul il-ħjatat fejn inħietu flimkien il-biċċiet tal-bizzilla. L-iżjed parti mqattgħa kienet quddiem, f'nofs l-altar, fejn il-qassis dari waqt li kien ikun iqaddes wiċċu 'l ġewwa lejn is-Sagrament kien jogħrok mat-terħa tal-altar bir-rakkmu tad-deheb li kien ikollhom fuq il-pjaneta tal-Festa. Huwa fatt li l-bizzilla ta' San Lazzru kienet waħda tal-festi.

Kien imiss issa li npitter disinn eżatt bil-qies daqs il-bizzilla oriġinali, biex fejn hemm in-nieqes jew irid jinbidel ikun jista' jinħadem mingħajr tant ma jidher. Qabbilt kemm stajt il-kulur u l-ħxuna tal-ħajt tal-għażel abjad minn żmien il-Malta Industries li lejn l-1929 kienu jimpurtaw mill-Irlanda biex jaħdmu l-bizzilli fini ddestinati għas-swieq fl-Ewropa, u ħdimt il-biċċiet tal-bizzilla li kellhom bżonn jinħadmu mill-





Id-differenza bejn bizzilla fi stat oriġinali (fuq) u bizzilla msewwija (isfel).

**Narmu l-qamħ u nieklu l-karfa**

Il-karfa hija dak il-qxur li jtir mill-qalba tal-qamħa waqt id-dris. Dari l-qalba tal-qamħ kienu jitħnuha biex issir dqiq għall-ħobż u l-karfa kienu jitfgħuha taħt il-bhejjem. Hawnhekk il-qawl Malti jrid ifisser li minħabba l-injoranza narmu l-essenzjal u nikkuntentaw nimlew żaqqna bix-xejn. Ifakkarni f'dak li qed jiġri fil-knejjes tagħna llum: inwarrbu l-paramenti magħmula bl-arti u s-sengħa tal-antenati tagħna biex nixtru dak li jlellex, maħdum bil-magni u m'għandu xejn mis-sagru li jixraq lit-twemmin tagħna. Meta dawn il-moderni jitkagħbru, kif se naħsluhom? Nitilquhom sakemm jikriehu u meta nixbgħu minnhom, narmuhom u nerġgħu nixtru oħrajn iktar ġodda għax għandna l-flus? Hija ħasra li din il-mentalità qed taqbad sewwa f'Għawdex tagħna u ta' kull sena qed jiġu skartati l-bizzilli tal-imgħoddi, ma noħorġuhom qatt lanqas għal kuljum, sakemm fl-aħħar jitilqu u ma jidhrux aktar, bħalma kien se jiġrilha l-bizzilla ta' San Lazzru. Mentri llum aħna tant kburin biha li qed nagħtuha prominenza fuq l-altar fil-festi prinċipali! Din qiegħda sservi ta' eżempju ta' kif salvajna teżor grazzi għall-ħidma ta' Samuel Aquilina u sħabu mill-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Il-pandemija ġabitna f'sensina, għallmitna nsibu l-ħin u l-paċenzja biex nistudjaw il-'kif' u l-'għaliex' madwar mitt sena ilu kienu jaħdmu b'dan il-mod l-antenati tagħna, u nitgħallmu minnhom għaliex għandna dejjem napprezzaw.

ġdid. Is-sodisfazzjon tiegħi kien meta skoprejt li l-għarfien tal-bizzilla li għandna llum huwa biżżejjed biex nerġgħu nibdew naħdmu dawk il-kapulavuri li kienu jinħadmu meta l-bizzilla ta' Malta kienet fl-aqwa tagħha.



Il-bizzilla lesta lura mat-terħa ta' San Lazzru, Kwaranturi 2021.